II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/1745

tat-23 ta' Settembru 2021

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (EUNAVFOR MED IRINI/3/2021)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, li stabbiliet u varat operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI), taħt il-kmand tal-Viċi Ammirall Fabio AGOSTINI bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall- EUNAVFOR MED IRINI ('il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE').

(2) Fis-26 ta' Awwissu 2021, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew li l-Viċi Ammirall Stefano TURCHETTO jieħu post il-Viċi Ammirall Fabio AGOSTINI bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE mill-1 ta' Ottubru 2021.

(3) Fil-31 ta' Awwissu 2021, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa r-rakkomandazzjoni tal-awtoritajiet militari Taljani.

(4) Skont id-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall Stefano TURCHETTO huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) mill-1 ta' Ottubru 2021.

([1]) ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2021.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2021.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
S. FROM-EMMESBERGER